31973L0023

26.3.1973 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 77/29

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Frar 1973

dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ

(73/23/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tieghu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

Billi d-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri ddisinjati sabiex jiżguraw is-sigurtà fl-użu tat-tagħmir elettriku wżat ma' certi limiti tal-voltaġġ jistgħu ivarjaw, u għaldaqstant ixekklu l-kummerċ;

Billi f'ċerti Stati Membri fil-każ ta' ċertu tagħmir elettriku, il-leġislazzjoni għas-sigurtà tieħu l-għamla ta' prevenzjoni u miżuri ripressivi permezz ta' dispożizzjonijiet li jorbtu;

Billi fl-Istati Membri l-oħra, sabiex jinkisbu l-istess għanijiet, il-leġislazzjoni dwar is-sigurtà tippreskrivi referenza għall-*istandards* tekniċi stabbiliti mill-Korpi ta' l-*Istandards*; billi din is-sistema toffri l-vantaġġ ta' aġġustament rapidu għall-progress tekniku mingħajr ma' jiġu ttraskurati l-ħtiġiet tas-sigurtà;

Billi ċerti Stati Membri jwettqu ħidmiet amministrattivi sabiex japprovaw l-*istandards*; Billi din l-approvazzjoni la taffettwa b'xi mod il-kontenut tekniku ta' l-*istandards* u lanqas tillimita l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom; Billi din l-approvazzjoni ma tistax għalhekk tibdel l-effetti, mill-perspettiva Komunitarja, ta' l-*istandards* armonizzati u ppubblikati;

Billi fil-Komunità il-moviment liberu tat-tagħmir elettriku għandu jirriżulta meta dan it-tagħmir iħares ċerti ħtiġiet tas-sigurtà magħrufa u accettati fl-Istati Membri kollha; Billi, mingħajr preġudizzju għal kull għamla ta' prova oħra, il-prova tal-konformità ma' dawn il-kondizzjonijiet tista' ssir b'referenza għall-*istandards* armonizzati li jinkorporaw dawn il-kondizzjonijiet; Billi dawn l-*istandards* armonizzati għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim komuni bejn korpi li jridu jiġu nnotifikati minn kull Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, u li għandhom ikunu ppubbliċizzati kemm jista' jkun; Billi din l-armonizzazzjoni għandha għall-għanijiet tal-kummerċ tneħħi l-inkonvenjenzi li jirriżultaw mid-differenzi bejn l-*istandards* nazzjonali;

Billi, mingħajr preġudizzju għal kull għamla oħra ta' prova, il-konformità tat-tagħmir elettriku ma' l-*istandards* armonizzati tista' tkun meqjusa mit-twaħħil jew mill-ħruġ tal-marki jew tac-ċertifikati mill-organizzazzjonijiet kompetenti jew, fin-nuqqas ta' dawn, mid-dikjarazzjoni tal-fabbrikant dwar il-konformità; Billi, sabiex tigi ffaċilitata t-tneħħija ta' l-ostakoli għall-kummerċ, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu dawn il-marki jew ċertifikati jew dawn id-dikjarazzjonijiet bħala l-elementi tal-prova; Billi, bil-ħsieb ta' dan il-għan, il-marki jew ċertifikati msemmija għandhom ikunu ppubbliċizzati b'mod partikolari permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*;

Billi, bħala miżura transitorja, il-moviment liberu tat-tagħmir elettriku li għalih għadhom ma jeżistux l-*istandards* armonizzati jinkiseb billi jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tas-sigurtà jew l-*istandards* diġà stabbiliti mill-korpi l-oħra internazzjonali jew minn wieħed mill-korpi li jistabbilixxu l-*istandards* armonizzati;

Billi huwa possibbli illi t-tagħmir elettriku jista' jitqiegħed f'ċirkolazzjoni ħielsa saħansitra jekk ma jikkonformax mal-kondizzjonijiet tas-sigurtà, u billi hu għaldaqstant mixtieq li jkun hemm dispożizzjonijiet adattati sabiex jimminimizzaw dan il-periklu;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva "tagħmir elettriku" ifisser kull tagħmir iddisinjat għall-użu ma' skala tal-voltaġġ ta' bejn il-50 u l-1000 v għall-kurrent alternant u bejn il-75 u l-1500 v għall-kurrent dirett, għajr għat-tagħmir u l-fenomeni elenkati fl-Anness II.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw illi t-tagħmir elettriku jista' jitqiegħed fis-suq biss jekk ikun mibni skond il-prattika oġġettiva ta' l-inġinerija f'dik li hi sigurtà li tkun fis-seħħ fil-Komunità, u għaldaqstant ma jipperikulax is-sigurtà tal-persuni, l-annimali domestiċi jew il-proprjetà meta jkun installat u miżmum sewwa u użat għall-iskopijiet li għalihom kien magħmul.

2. L-elementi prinċipali ta' l-għanijiet tas-sigurtà riferiti fil-paragrafu 1 huma elenkati fl-Anness I.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw illi jekk it-tagħmir elettriku jkun ta' natura li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5,6,7, u 8, il-moviment liberu ta' dan it-tagħmir ġewwa l-Komunità ma għandux jiġi mfixkel għar-raġunijiet tas-sigurtà.

Artikolu 4

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħmir elettriku l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ħtiġiet tas-sigurtà aktar stretti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 2 ma jiġux imposti mill-korpi tal-provvista ta' l-elettriku sabiex titqabbad mal-grilja, jew għall-provvista ta' l-elettriku lill-utenti tat-tagħmir elettriku.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw illi, b'mod partikolari dak it-tagħmir elettriku li jħares id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà ta' l-*istandards* armonizzati, jitqies mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tagħhom li jaqbel mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, għall-għanijiet tat-tqegħid fis-suq u l-moviment liberu kif provdut fl-Artikoli 2 u 3 rispettivament.

L-*istandards* għandhom jitqiesu bħala armonizzati ġaladarba jitfasslu bi ftehim komuni bejn il-korpi nnotifikati mill-Istati Membri skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 11, u ppubblikati skond il-proċeduri nazzjonali. L-*istandards* għandhom jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress teknoloġiku u ta' l-iżviluppi fil-prattika oġġettiva ta' l-inġinerija f'materji ta'sigurtà.

Għall-għanijiet tat-tagħrif il-lista ta' l-*istandards* armonizzati u r-referenzi tagħhom għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 6

1. Billi l-*istandards* armonizzati kif definiti fl-Artikolu 5 għadhom ma ġewx imfassla u ppubblikati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw, għall-għanijiet tat-tqegħid fis-suq jew il-moviment liberu provduti fl-Artikoli 2 u 3 rispettivament, li l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tagħhom għandhom iqisu wkoll, bħala li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, dak it-tagħmir elettriku li jħares id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar ir-Regoli għall-Approvazzjoni tat-Tagħmir Elettriku (CEE) jew tal-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC) li rigward tagħhom il-proċedura tal-pubblikazzjoni stabbilita fil-paragrafi 2 u 3 tkun giet segwita.

2. Id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jigu nnotifikat lill-Istati Membri mill-Kummissjoni mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, u wara dan, kif u meta jiġu ppubblikati. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, għandha tiddikjara d-dispożizzjonijiet u, b'mod partikolari, l-verżjonijiet li hija tirrakkomanda li jridu jiġu ppubblikati.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur b'kull oġġezzjoni li jista' jkollhom għad-dispożizzjonijiet hekk innotifikati, u jiddikjaraw ir-raġunijiet tas-sigurtà li dwarhom dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx jiġu rrikonoxxuti.

Għall-għanijiet tat-tagħrif dawk id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà li għalihom ma tkun ġiet imqajma l-ebda oġġezzjoni għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 7

Billi għadhom ma jeżistux l-*istandards* armonizzati skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5 jew id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà ppubblikati skond l-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw li, għall-għan tat-tqegħid fis-suq jew il-moviment liberu riferut fl-Artikoli 2 u 3 rispettivament, l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tagħhom għandhom iqisu wkoll bħala li jharsu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, dak it-tagħmir elettriku mibni skond id-dispożizzjonijiet għas-sigurtà ta' l-*istandards* fis-seħħ fl-Istat Membru tal-fabbrikant, jekk jiġi żgurat livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak mitlub fit-territorju tagħhom.

Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tagħhom jippermettu wkoll it-tqegħid fis-suq jew il-moviment liberu riferut fl-Artikoli 2 u 3 rispettivament, ta' dak it-tagħmir elettriku li, għalkemm ma jikkonformax ma' l-*istandards* armonizzati msemmija fl-Artikolu 5 jew mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6 u 7, iħares id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

2. Fil-każ ta' rikuża l-fabbrikant jew importatur jista' jingħata rapport, magħmul minn korp li hu nnotifikat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11, dwar il-konformità tat-tagħmir elettriku mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

Artikolu 9

1. Jekk, għar-raġunijiet tas-sigurtà, Stat Membru jċaħħad id-dħul fis-suq ta' xi tagħmir elettriku jew ifixkel il-moviment liberu tiegħu, dan għandu jinforma immedjatament l-Istati Membri l-oħra kkonċernati u l-Kummissjoni, jindika l-bażi tad-deċiżjoni tiegħu u, b'mod partikolari, jiddikjara:

— jekk in-nuqqas ta'qbil tiegħu mal-Artikolu 2 jirriżultax minħabba xi difett f'l-*istandards* armonizzati msemmija fl-Artikolu 5, jew fid-dispożizzjonijiet riferuti fl-Artikolu 6 jew inkella fl-*istandards* riferuti fl-Artikolu 7;

— jekk in-nuqqas ta' qbil jirriżultax mill-applikazzjoni żbaljata ta' dawn l-*istandards* jew pubblikazzjonijiet jew min-nuqqas ta' qbil mal-prattika oġġettiva ta' l-inġinerija msemmija fl-Artikolu 2.

2. Jekk l-Stati Membri l-oħra jqajmu oġġezzjonijiet għad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta immedjatament l-Istati Membri kkonċernati.

3. Jekk ma jintlaħaqx ftehim fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika kif stabbilit fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikseb l-opinjoni ta' wieħed mill-korpi nnotifikati skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 11, li jkollu l-uffiċċju tiegħu reġistrat barra mit-territorju ta' l-Istati Membri kkonċernati u li ma jkunx involut fil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8. L-opinjoni għandha tistqarr sa liema punt ma ġewx imħarsa d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-opinjoni ta' dan il-korp lill-Istati Membri kollha, li jistgħu fi żmien xahar jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha fl-istess waqt tinnota kull osservazzjoni mill-partijiet kkonċernati dwar l-opinjoni hawn fuq imsemmija.

5. Wara li tkun ikkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tifformula r-rakkomandazzjonijiet jew l-opinjonijiet approprjati.

Artikolu 10

1. Mingħajr preġudizzju għall-metodi l-oħra tal-prova, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri approprjati kollha sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tagħhom jaċċettaw li jkun hemm preżunzjoni ta' konformità mad-dispożizzjonijet ta' l-Artikoli 5, 6, u 7 meta titqiegħed marka fuq it-tagħmir elettriku li turi konformità, jew meta attestat ta' konformità jigi ppreżentat jew, fin-nuqqas ta' dawn u, b'mod partikolari fil-każ tat-tagħmir industrijali, ikun hemm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-fabbrikant.

2. Il-marki jew attestati għandhom jinħarġu, separatament jew permezz ta' ftehim komuni, mill-korpi nnotifikati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11. Kampjuni ta' dawn il-marki jew ċertifikati għandhom jigu ppubblikati minn dawn il-korpi u, għall-għanijiet tat-tagħrif, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 11

Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar:

— il-korpi msemmija fl-Artikolu 5;

— il-korpi li jistgħu jassenjaw il-marki u ċ-ċertifikati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10;

— il-korpi li jistgħu jagħmlu r-rapport skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 jew jagħtu l-opinjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9;

— il-post tal-pubblikazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2);

Kull emenda li ssir hawn fuq għandha tigi nnotifikata minn kull Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

Artikolu 12

Din id-Direttiva ma tapplikax għat-tagħmir elettriku maħsub għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

Artikolu 13

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifika tagħha u minnufih għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Madanakollu, fil-każ tad-Danimarka, il-limitu taż-żmien għandu jigi mtawwal għal ħames snin.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-direttiva.

Artikolu 14

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Frar 1973.

Għall-Kunsill

Il-President

A. LAVENS

ANNESS I

L-ELEMENTI PRINĊIPALI TAS-SIGURTÀ MAĦSUBA GĦAT-TAGĦMIR ELETTRIKU DDISINJAT GĦALL-UŻU FI ĦDAN ĊERTI LIMITI TA' VOLTAĠĠ

1. **Il-kondizzjonijiet Ġenerali**

(a) Il-karatteristiċi essenzjali, li l-għarfien u l-ħarsien tagħhom jiżguraw li t-tagħmir elettriku jintuża bis-sigurtà u f'dawk l-applikazzjonijiet li kien magħmul għalihom, għandhom jiġu mmarkati fuq it-tagħmir, jew, jekk dan mhux possibbli, fuq l-avviż li għandu jkun hemm miegħu.

(b) Isem il-fabbrikant jew isem il-prodott jew il-marka tal-fabbrika għandu jkun stampat ċar fuq it-tagħmir elettriku jew, fejn dan mhux possibbli, fuq l-ippakkettjar.

(ċ) It-tagħmir elettriku, flimkien ma'l-partijiet komponenti tiegħu, għandu jkun magħmul hekk illi jkun żgurat li jista' jiġi mmuntat u kkonnettjat sewwa u b'sigurtà

(d) It-tagħmir elettriku għandu jkun ddisinjat u ffabbrikat hekk illi jiżgura l-provvediment kontra r-riskji elenkati fil-punti 2 u 3 ta' dan l-Anness, dejjem jekk it-tagħmir jintuża f'dawk l-applikazzjonijiet li kien magħmul għalihom u jkun mantenut b'mod adegwat.

2. **Il-protezzjoni kontra r-riskji li jinħolqu mit-tagħmir elettriku**

Miżuri ta' natura teknika għandhom jigu stabbiliti skond il-punt 1, sabiex ikun żgurat:

(a) li l-persuni u l-annimali domestiċi jkunu protetti b'mod adegwat mill-periklu tal-ħsara fiżika jew ta'dannu ieħor li jista' jkun ikkawżat minn kuntatt elettriku dirett jew indirett;

(b) li ma jinħolqux temperaturi, skariki jew radjazzjoni li jistgħu jikkawżaw il-periklu;

(ċ) li l-persuni, l-annimali domestiċi u l-proprjetà jkunu protetti b'mod adegwat minn perikli li mhumiex elettriċi għalkemm ikkawżati mit-tagħmir elettriku u li jinkixfu bl-esperjenza;

(d) li l-iżolazzjoni għandha tkun adattata għall-kondizzjonijiet prevedibbli.

3. **Il-protezzjoni kontra r-riskji li jistgħu jiġu kkawżati minn influwenzi esterni fuq it-tagħmir elettriku**

Miżuri tekniċi għandhom jiġu stabbiliti skond il-punt 1, sabiex jiġi żgurat:

(a) li t-tagħmir elettriku jilħaq il-ħtiġiet mekkaniċi mistennija hekk illi l-persuni, l-annimali domestiċi u l-proprjetá ma jitqegħdux fil-periklu;

(b) li t-tagħmir elettriku jkun reżistenti għal dawk l-influwenzi mhux mekkaniċi fil-kondizzjonijiet ambjentali mistennija, hekk illi l-persuni, l-annimali domestiċi u l-proprjetà ma jitqiegħdux fil-periklu;

(ċ) li t-tagħmir elettriku m'għandux iqiegħed fil-periklu il-persuni, l-annimali domestiċi u l-proprjetà fil-każ ta' kondizzjonijiet prevedibbli ta' tagħbija żejda elettrika.

ANNESS II

TAGĦMIR U FENOMENI 'L BARRA MILL-KOMPETENZA TA' DIN ID-DIRETTIVA

Tagħmir elettriku għall-użu f'atmosfera esplussiva

Tagħmir elettriku għar-radjoloġija u skopijiet mediċi

Partijiet ta' l-elettriku għall-oġġetti u liftijiet tal-passiġġieri

Arloġġi ta' l-elettriku

Il-plakkek u l-postijiet tas-sockets għall-użu domestiku

Il-kontrulluri tal-ħitan ta' l-elettriku

L-interferenza radjo-elettrika

Tagħmir elettriku speċjalizzat, għall-użu fuq il-bastimenti, il-vetturi ta' l-ajru u l-ferroviji, li jħares id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà stabbiliti mill-korpi internazzjonali li fihom l-Istati Membri jieħdu sehem.